

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 191/2012**tas-7 ta' Marzu 2012****li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni applikabbli għal ċerti tipi ta' ross bla ħliefha mit-8 ta' Marzu 2012**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS), [ir-Regolament dwar l-OKS Unika] ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 137 tiegħu,

Billi:

- (1) Abbażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-awtoritajiet kompetenti, il-Kummissjoni jirriżultalha li l-liċenzji ta' importazzjoni għar-ross bla ħliefha tal-Kodiċi NM 1006 20, għajr il-liċenzji tal-importazzjoni tar-ross Basmati, inħarġu għal kwantità ta' 143 798 tonnallata għall-perjodu ta' referenza mill-1 ta' Settembru 2011 sad-29 ta' Frar 2012. Id-dazju tal-importazzjoni

għar-ross bla ħliefha tal-kodiċi NM 1006 20 għajr ir-ross Basmati, stabbilit permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 903/2011 ⁽²⁾ għandu għalhekk jiġi emendat.

- (2) Id-dazju applikabbli għandu jiġi ffixsat fi żmien għaxart ijiem minn tmiem il-perjodu ta' referenza. Jeħtieġ għalhekk li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-dazju tal-importazzjoni applikabbli għar-ross bla ħliefha tal-kodiċi NM 1006 20 huwa EUR 30 it-tonnallata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 231, 8.9.2011, p. 21.